Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2024/2019(DEC)

14.11.2024

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Kummissjoni għas-sena finanzjarja 2023
(2024/2019(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Assita Kanko

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija wieħed mill-valuri fundaturi tal-Unjoni u l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi l-ugwaljanza fl-attivitajiet kollha tagħha kif minqux fl-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

B. billi l-Unjoni għandha lok għal titjib fl-approċċ tagħha għall-promozzjoni tal-ugwaljanza permezz tal-politiki, tal-leġiżlazzjoni u tal-mekkaniżmi ta' finanzjament tagħha;

1. Jesprimi tħassib serju dwar in-nuqqas ta' enfasi, fil-baġit tal-Unjoni, fuq il-protezzjoni tan-nisa u tal-bniet mill-vjolenza; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' data diżaggregata dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u jħeġġeġ valutazzjonijiet obbligatorji dwar l-impatt fuq il-ġeneru mmirati speċifikament lejn il-protezzjoni kontra l-vjolenza biex jippermettu l-monitoraġġ tal-effettività tal-miżuri fl-atti leġiżlattivi rilevanti;

2. Jirrikonoxxi l-impenn tal-Unjoni għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ħtieġa li ssir aktar enfasi fuq il-ġlieda kontra l-vjolenza fil-konfront tan-nisa u tal-bniet fit-tfassil tal-politika; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi stabbilit b'mod urġenti approċċ komuni għall-istupru b'sanzjonijiet minimi komuni fil-liġijiet nazzjonali;

3. Jinsab imħasseb dwar ir-riskji finanzjarji dejjem akbar minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt tagħha fuq il-politiki għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata prijorità lill-politiki li jipproteġu lit-tfal, lin-nisa u lill-familji;

4. Jappoġġja l-għan tal-Inizjattiva Spotlight tan-Nazzjonijiet Uniti li ttemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u tindirizza l-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli, bħall-vittmi ta' prattiki dannużi bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili jew iż-żwieġ tat-tfal; iħeġġeġ lill-Kummissjoni twaqqaf il-finanzjament ta' movimenti fl-Unjoni u barra minnha li jikkontribwixxu għal kull forma ta' oppressjoni tan-nisa;

5. Jappella għal qafas ta' finanzjament stabbli biex jiġu żgurati l-effettività u s-sostenibbiltà tal-Programm Daphne biex tiġi appoġġjata l-protezzjoni tan-nisa u tat-tfal kontra l-vjolenza.